**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA DWAR IL-KUNSILL EWROPEW U S-SUMMIT TAL-EURO TAT-23 T'OTTUBRU 2025**

Sur President, matul il-jum tal-Ħamis 23 ta' Ottubru, ipparteċipajt għal darb'oħra f'laqgħa tal-Kunsill Ewropew u l-Euro Summit li kienu skont l-iskeda maqbula u li allura kienu l-formal European Council. Din is-sessjoni kienet ippjanata biex tindirizza numru ta' temi kif isir minn żmien għal żmien, skont l-aġenda li jiffissa l-President tal-Kunsill Ewropew u li niddiskutu bejnietna l-mexxejja Ewropej.

Nibda billi nispjega l-impenji li kelli dakinhar. Il-Ħamis filgħodu, l-ewwel laqgħa, kienet 'il barra mill-Kunsill Ewropew imma bejn numru ta' mexxejja li nifformaw parti mill-Kunsill Ewropew, jiġifieri mexxejja ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea. Kienet dik il-laqgħa tradizzjonali ta' kordinament li issa ilna nagħmlu qabel kull Kunsill Ewropew; konna bdejna numru ta' mexxejja u mbagħad żdidna, imma Malta kienet hemm mill-bidu nett.

It-tema tibqa' l-migrazzjoni.

Dawn il-laqgħat qed ikunu importanti, partikolarment għalina, daqskemm ikun il-Kunsill Ewropew formali nnifsu. Li nagħmlu f'dawn il-laqgħat huwa li naġġornaw lil xulxin bir-realtajiet fil-pajjiżi differenti tagħna fuq dan is-suġġett, nikkordinaw pożizzjonijiet komuni f'diskussjonijiet u sforzi li jkunu qed iseħħu mhux biss fl-Unjoni Ewropea, iżda wkoll fil-kontest tal-Ġnus Magħquda kif ukoll tal-Kunsill tal-Ewropa. Insemmi l-Kunsill tal-Ewropa partikolarment għaliex iħaddan strument li huwa ta' importanza kardinali għax hemmhekk hemm ness intimu mal-immigrazzjoni irregolari. Naturalment dan l-istrument huwa l-Konvenzjoni Ewropea għall-Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Din il-laqgħa ġiet ikkordinata mill-Prim Ministri tal-Italja Giorgia Meloni u l-Prim Ministru tad-Danimarka Mette Frederiksen. Fiha pparteċipaw ukoll il-mexxejja tal-Olanda, tal-Iżvezja, tal-Ġermanja, tal-Polonja, ta' Ċipru, tal-Greċja, tal-Belġju, tal-Latvja, tal-Bulgarija u tal-Awstrija. Kien hemm okkażjonijiet fejn kien hemm iżjed mexxejja, din id-darba kien hemm il-Prim Ministru tal-Ungerija Viktor Orban għax aktar tard attenda għas-sessjoni tal-Kunsill, u - importanti ferm - għal darb'oħra reġgħet attendiet il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen.

Punt li għafasna dwaru din id-darba u li naħseb kien iċ-ċentru tat-tema tad-diskussjoni li kellna, huwa d-deportazzjoni ta' dawk li jwettqu reat – qed nitkellmu dwar barranin, kemm regolari kif ukoll irregolari – meta jkunu ospitati minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Hemm tkellimt dwar ir-realtà ta' pajjiżna; aħna kellna deportazzjonijiet kbar din is-sena. Minn hawn insellem il-ħidma tal-Ministru Byron Camilleri flimkien mat-tim tiegħu għaliex qed nitkellmu dwar mijiet kbar ta' persuni li wettqu reat u ġew deportati minn pajjiżna. Imbagħad tkellimna wkoll dwar x'għandhom ikunu dawk ir-reati li jippermettu d-deportazzjoni u kellna diskussjoni intensiva ferm li ma ntemmitx imma se nkomplu għaddejjin biha.

Kif dejjem ngħid, wieħed jinnota li f'dawn id-diskussjonijiet, minkejja li, grazzi għall-politika għaqlija li mexxejna biha – il-politika tagħna tiffoka fuq tliet fronti, jiġifieri l-prevenzjoni tat-tluq mill-pajjiż ta' tranżitu jew tal-oriġini, il-politika tar-ritorn, tar-ripatrijazzjoni u l-burden sharing – minkejja li grazzi għal dik il-politika ambizzjuża li aħna ħaddanna, u minkejja li sfortunatament ġewwa pajjiżna stess kien hemm min qalilna li m'aħniex qed inħaddnu l-politika korretta, in-numri tal-wasliet baxxi rekord f'pajjiżna din is-sena jitħaddtu waħedhom

fuq il-politika li addottajna. Ir-realtà turi li f'ġurnata waħda jistgħu jinbidlu l-affarijiet. Għalhekk qatt ma nistgħu ngħidu li kellna suċċess assolut u dejjiemi, imma din hija ħidma li nwettquha ta' kuljum. Insellem ukoll il-ħidma tal-Forzi Armati ta' Malta u lil kull min huwa involut f'dan il-proċess wiesa' ta' kordinazzjoni.

Qatt ma nistgħu ngħidu lanqas li aħna protetti mix-xokkijiet esterni li nistgħu naffaċċjaw mal-anqas kriżi li tinqala' fil-viċinat tagħna. U jkolli ngħid kemm għandna viċinat li huwa volatili għall-kriżijiet! Jekk inħarsu lejn ir-reġjuni differenti fl-Afrika ta' Fuq naraw kemm huma volatili. L-effett immedjat li jkollok meta jkun hemm il-gwerer u l-konflitti f'dawk iż-żoni huwa li jkollok kwantitajiet kbar ta' nies li jitilqu biex jaħarbu mill-gwerra u mill-ġlied u jfittxu futur ekonomiku aħjar. U r-realtà ġeografika ta' pajjiżna hija li aħna mal-200 mil biss 'il bogħod mix-xtut tal-Libja, jiġifieri ara kemm għandna prossimità għal dawn ix-xokkijiet esterni.

Din ir-realtà tapprezzaha aktar meta tibda tisma' x'qed jgħidu u jesperjenzaw sħabek madwar il-mejda, pajjiżi li huma qrib tagħna, li qed jaraw wasliet massiċċi ta' immigranti irregolari, u l-isforzi kbar li qed ikollhom jagħmlu. Tisma' bil-politika – ma rridx insejħilha estrema għax trid tkun f'dak iż-żarbun biex tapprezza r-realtajiet u r-rabja li jkollu l-poplu tiegħek meta jara dawn il-wasliet – u r-reazzjonijiet li jkollhom jieħdu biex jiġġieldu l-ħin kollu lil dan il-fenomenu, u mbagħad ukoll biex jirritornaw lil dawk li ma jimmeritawx l-ażil. Għax nafu li hemm dawk li huma asylum seekers ġenwini u dawk li ma jimmeritawx l-ażil. U hemmhekk aħna għandna politika ċara ħafna. Insemmi eżempju li kostantement qed tiċċitah il-Kummissjoni Ewropea. Dan huwa l-mod kif ħdimna fil-konfront ta' dawk li jiġu mill-Bangladesh li huwa meqjus bħala pajjiż ta' ritorn sigur. Għal dawk li jiġu mingħajr ma jidħlu hawnhekk b'mod regolari għandna politika ċara ta' ritorn u kellna riżultati b'saħħithom ħafna li, kif għedt, qed jiġu ċċitati mill-Kummissjoni Ewropea. Hemmhekk ukoll il-messaġġ tagħna jrid jibqa' wieħed b'saħħtu għaliex meta tħares lejn dan iċ-ċirku u tara kemm huwa wieħed kumpless, tara li huwa ffinanzjat u mmexxi minn ċrieki ta' kriminali organizzati b'finanzjament qawwi madwarhom li huma l-istess nies li jittraffikaw in-narkotiċi, iż-żjut u l-fuels. Dan huwa ċirku kriminali kumpless li rridu niġġildulu bis-saħħa kollha u din il-ġlieda ma nistgħux nagħmluha waħedna. Qisu dak huwa s-sentiment ewlieni li joħroġ minn din il-laqgħa. Irid ikollna approċċ kordinat biex ikollna riżultati ta' suċċess.

F'din il-laqgħa mbagħad tkellimna, u għamilt enfasi, fuq il-prinċipju tas-solidarjetà, ir-responsabbiltà u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inkluż dawk tal-oriġini u ta' tranżitu, jiġifieri l-approċċ li ħadem għal pajjiżna. Filwaqt li din l-isfida dħalnielha bir-ras u kellna suċċess għax ħdimna mal-pajjiżi tal-oriġini u ta' tranżitu, fl-istess waqt nemmnu li jekk dak l-isforz ikun wieħed kordinat ikollna suċċess aqwa. Fil-preżenza tal-President tal-Kummissjoni von der Leyen, li minn hawnhekk insellmilha, tkellimna wkoll dwar kif nistgħu nħaffu aktar ir-ritmu tal-proċess tal-adozzjoni tal-liġijiet, bħalissa partikolarment il-liġi dwar ir-ritorn ta' dawk li ma jistħoqqilhomx l-ażil. Kien kumment univoku fostna l-mexxejja li qed ikun hemm dewmien esaġerat mill-Parlament Ewropew. Dak id-dewmien mhuwiex kompatibbli mal-urġenza li biha rridu nittrattaw din il-materja u tkellimna wkoll sabiex ikun hemm azzjoni li twassal għal aktar struttura u koerenza fl-operat tal-Parlament. Qbilna li nkomplu għaddejjin b'taħditiet u l-laqgħa li jmiss tkun qabel jinbeda l-Kunsill Ewropew li jmiss.

Issa se ndur għal-laqgħa proprja tal-Kunsill Ewropew li bdiet wara din il-laqgħa li għadni kif tkellimt dwarha. Kellna aġenda intensiva; jekk wieħed iħares lejn l-aġenda tal-Kunsill u n-numru ta' konklużjonijiet li addottajna - sew 'il fuq minn 40 waħda - wieħed jara kemm kellna diskussjonijiet sensittivi u importanti anke fil-kontest ġeopolitiku ta' bħalissa.

Nibda bl-ewwel tema li ttrattajna, li hija dik dwar l-Ukrajna. Għal darb'oħra attenda l-President Volodymyr Zelenskyy u hemmhekk tkellimna fuq l-appoġġ finanzjarju li rridu nibqgħu nagħtu bħala Unjoni Ewropea partikolarment għas-sena 2026 u 2027. F'din il-parti tad-diskussjoni sħaqt bis-sħiħ fuq is-solidarjetà kontinwa li rridu nibqgħu nuru mal-poplu Ukren u fakkart kif pajjiżna, bħalma dejjem għamel f'kull okkażjoni li kellu, se jibqa' jagħti kull għajnuna possibbli, naturalment għajnuna li tkun konformi mal-parametri Kostituzzjonali tagħna. Mill-ġdid tennejt ukoll però li rridu nkunu ċerti li filwaqt li nsostnu kull tip ta' sforz ta' din ix-xorta, ġej minn fejn ġej, irridu nibqgħu nagħmlu enfasi qawwija fuq it-tiftix tal-paċi. Għalija u għal ħafna persuni madwar dik il-mejda din tibqa' s-soluzzjoni finali li rridu naslu għaliha għax hija biss dik is-soluzzjoni li tagħti soluzzjoni dejjiema għal din il-gwerra.

It-tema ewlenija li tkellimna dwarha f'din il-parti kienet waħda importanti ferm u li għadna m'għalaqniex dwarha, fil-fatt issa pposponejna d-diskussjoni għall-Kunsill ta' Diċembru li ġej li se jkun wieħed kruċjali fuq din imma naħseb illi kieku kellek tistaqsini liema hija l-aktar tema, kemm ili issa nattendi l-Kunsill għal dawn l-aħħar kważi sitt snin, li kienet ta' importanza u li trid tittieħed b'serjetà kbira kienet dik tar-Reparations Loan li se nitkellem dwarha issa.

Dan kien konċett li ressqitu 'l quddiem il-Kummissjoni Ewropea *tramite* l-President tagħha f'dawn l-aħħar ftit ġimgħat fejn qed tipproponi li bħala Unjoni Ewropea nagħtu dak li qed issejjaħlu bħala Reparations Loan lill-Ukrajna. Se nkun qed nispjega mingħajr ħafna dettall x'inhu l-konċett integrali. Biex infakkar, din l-idea ssemmiet għall-ewwel darba mill-President von der Leyen fid-diskors annwali tagħha dwar l-istat tal-Unjoni Ewropea f'Settembru li għadda, u issa, matul l-aħħar ġimgħat kellna wkoll l-opportunità li nitkellmu fil-Kunsill Ewropew informali li kellna ftit tal-jiem ilu. Matul dawn l-aħħar ġimgħat ġiet iċċirkolata paper dwar dan il-konċett. F'dawn l-aħħar ġimgħat bdew joħorġu aktar dettalji dwar kif dan il-konċett jiġi operazzjonali – għalkemm għadna lura - sabiex ngħinu lill-Ukrajna tkopri n-nefqa tagħha. Għall-benefiċċju ta' kulħadd se nispjega b'mod konċiż dak li qed tipproponi l-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni qed tipproponi mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Unjoni Ewropea tissellef flus – hawnhekk qed nitkellmu fuq ammont li jista' jitla' sa €180 biljun, jiġifieri somma massiva - li ġew iġġenerati minn assi Russi li bħalissa huma sanzjonati u jinsabu taħt il-kontroll tal-istituzzjoni li hija magħrufa bħala Euroclear li hija bbażata fil-Belġju, biex imbagħad tkun tista' ssellifhom lill-Ukrajna taħt termini u kondizzjonijiet li għad irridu naqblu dwarhom. Fil-fatt fl-ewwel konklużjoni informali li kellna tal-Kunsill l-użu ta' dak il-loan kien qed jiġi limitat wara interventi li saru fosthom anke minni. Dawk l-użi tneħħew kompletament u issa f'Diċembru se nkunu qed nitħaddtu dwar x'użi jridu jsiru minn dak il-loan jekk naqblu li għandu jsir. L-intervent tiegħi kien li l-eventwali użi, uħud minnhom imqar, iridu jikkonformaw mal-Kostituzzjoni tagħna biex aħna nkunu nistgħu nappoġġjaw dan il-konċett.

L-idea tal-Kummissjoni hija li dawn il-fondi jistgħu jintużaw mingħajr ma ssir konfiska tal-assi għaliex il-pariri li għandna huma li jekk hemm il-konfiska se jkun hemm riperkussjonijiet kbar f'dan l-istadju. Għalhekk l-ewwel intervent tiegħi kien jiċċentra dwar jekk dan jammontax għal konfiska *de facto* u tlabna wkoll li jkollna l-pariri legali f'dak ir-rigward. Però kollha kemm aħna qegħdin naqblu – qed nitkellem fil-kontest ta' 26 aktar milli 27 pajjiż - li l-Ukrajna għandu jkollha l-appoġġ finanzjarju meħtieġ. Dan il-prinċipju se jkun qed jintroduċi dak li jissejjaħ 'frontloading', u mbagħad is-self ikun dovut lura lill-Unjoni Ewropea meta u jekk ir-Russja tħallas riparazzjonijiet lill-Ukrajna. Hemm dik il-"meta" u "jekk" qawwija u riparazzjonijiet tfisser li r-Russja tkun ħallset il-kumpens tad-danni li kkaġunat bil-gwerra.

Biex dan is-self ikun possibbli – u hawnhekk fejn naħseb li rridu noqogħdu ftit attenti fuqiex qegħdin nitkellmu għax din hija xi ħaġa li għandha impatti kbar jekk ma ssirx sew - l-Istati Membri se jkunu mitluba mhux biex jiffinanzjaw huma parti minn dan is-self. Imma biex nagħtu garanzija għal dan is-self – u s-sehem tagħna ta' garanzija nafu kemm hu - se nkunu qegħdin nagħtu garanziji nazzjonali irrevokabbli li jirriflettu responsabbiltà kondiviża (joint and several liability) għall-impenji finanzjarji tal-Unjoni. Għal dak li huwa loan, l-exposure tagħna huwa capped imma l-intervent tiegħi kien fil-konfront tat-terz, għax m'għandekx il-capping ta' dik il-liability ... U hemmhekk fejn jien, l-ewwel wieħed, tlabt parir legali min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea. Tkellimna jekk għandux jiġi outsourced jew jekk għandhomx ikunu s-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea li jagħtuna dan il-parir legali.

Sur President, if we – u ngħid 'we' mhux għal Malta imma as a European Union - get this wrong, ir-riperkussjonijiet jistgħu jkunu kbar ħafna. Filwaqt li nemmen li għandna nagħtu l-appoġġ finanzjarju sħiħ lill-Ukrajna u ma nistgħux inħalluhom waħedhom, ma nistgħux niżbaljaw f'din għax ir-riperkussjonijiet huma kbar. Nibqa' niftakar x'qal wieħed minn sħabna madwar il-mejda: il-messaġġi min-naħa Russa mhumiex ħfief. Dan huwa konċett kompless ħafna tant li d-diskussjoni hija waħda sensittiva u karatterizzata minn din il-kawtela li anke jien għadni kif tkellimt dwarha. Naħseb li din hija kawtela li rridu nibqgħu nimxu biha.

L-intervent li għamel il-Prim Ministru Belġjan – ma se ngħid l-ebda sigriet għax ġie rapportat anke fil-midja – kien ta' kawtela enormi partikolarment għaliex huwa qed jifhem li billi l-Euroclear tinsab fil-ġurisdizzjoni tiegħu, fil-Belġju, ir-riperkussjonijiet fuq pajjiżu, jekk din il-biċċa xogħol ma tinħadimx b'mod legalment korrett, jistgħu jkunu ferm u ferm akbar minn dawk ta' kwalunkwe stat membru ieħor. U hemmhekk hu qed jitlob il-protezzjoni kollettiva u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri kollha lil hinn mill-ammont tal-loan li huwa involut. Kien huwa stess li wera mhux biss kawtela, imma saħansitra xettiċiżmu għall-konċett kif għadu llum il-ġurnata. Għalhekk fis-sessjoni ta' Diċembru issa qed nistennew li jkollna dawk il-pariri legali ta' kjarifika dwar dan il-punt biex imbagħad inkunu f'pożizzjoni li nieħdu deċiżjoni informata naħa jew oħra.

Il-konklużjoni ta' din id-diskussjoni kienet li baqa' aktar x'wieħed jikkonsidra. Fil-fatt jekk wieħed iħares lejn il-konklużjoni finali – jekk m'iniex sejjer żball, kienet il-konklużjoni numru 8 – jara li ħallejnieha vaga apposta biex ma jkun hemm idejn ħadd li jkunu marbuta u kulħadd ikollu l-libertà li jasal għal dak il-ftehim li jkun l-aktar fl-interess tas-26 stat membru. Qed insemmi 26 stat membru għax għal darb'oħra l-Ungerija ma appoġġjatx din il-parti tal-konklużjonijiet u għalhekk il-gwida li tajna bħala mexxejja lill-Kummissjoni Ewropea kienet li fis-sessjoni li jmiss ta' Diċembru trid tiġi 'l quddiem bi proposti ta' kif nistgħu nagħtu dan l-appoġġ finanzjarju imma f'kontest li jkollna s-salvagwardji li tlabna li jingħataw.

Meta għalaqna dak is-suġġett, imxejna għal diskussjoni oħra importanti marbuta mal-isfida, għalina importanti ferm, dwar it-tibdil fil-klima. Ittrattajna l-kompetittività u l-ekonomija. Din kienet diskussjoni kruċjali, diskussjoni li aħna bħala pajjiż f'dawn l-aħħar xhur imbottajna ħafna għaliha wkoll għax nemmnu li kull deċiżjoni li rridu nieħdu trid tkun waħda ekwa li tħares l-interessi tal-familji u tan-negozji tagħna. Nemmen li fil-kontest tal-isforzi li l-Unjoni Ewropea qed tagħmel biex issaħħaħ il-kompetittività globali, dik ta' madwar id-dinja kollha, irridu nkunu ċerti li ma nirrepetux żbalji li għamilna fil-passat riċenti. Għax jien nemmen li għamilna żbalji, li sparajna f'saqajna fejn tidħol il-kompetittività tas-suq waħdieni. Imbottajna ħafna biex ikollna kompetittività globali imma meta ġejna biex nipproteġu l-kompetittività tas-suq waħdieni tagħna, għamilna ċerti żbalji. U fl-intervent tiegħi issenjalajt, b'mod prudenti

ħafna, x'nemmen li għandu jsir għat-triq 'il quddiem. Huwa żgur li rridu nibqgħu ambizzjużi bħala pajjiż, anke bħala l-iżgħar stat membru, għax aħna gżira u nafu x'jiġri fl-Ismall Island Developing States (SIDS) kollha. Aħna bħala gżira l-aktar esposti għall-effetti klimatiċi u allura żgur li qatt ma se nkun jien li ngħid li m'għandniex inkunu ambizzjużi fil-mod kif nilħqu l-miri klimatiċi. Però mbagħad kien hemm inizjattivi – din semmejtha b'mod speċifiku – bħal tal-ETS2 fil-marittimu, fejn ittieħdu deċiżjonijiet fuq livell Ewropew li qed ikissru jew jistgħu jkissru – jekk mhux se nemendawhom, u nemmen li għadna fiċ-ċans li l-iżbalji li saru nreġġgħuhom lura – s-settur marittimu li huwa tant kruċjali għal pajjiżna.

L-istess fis-settur tal-avjazzjoni. Hemmhekk l-intervent tiegħi ffoka fuq kif dawn ir-realtajiet iridu jkunu riflessi fil-leġiżlazzjoni li qed tipproponi l-Kummissjoni Ewropea. F'dak il-mument tad-diskussjoni ħassejt li kelli nagħmel dikjarazzjoni speċifika għan-nom ta' pajjiżna u għamilt statement nazzjonali li ġie anness mal-konklużjonijiet formali tal-Kunsill. Se nkun qed inqiegħed kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra Fil-fatt tlabt li l-istatement ta' pajjiżna jitniżżel bil-miktub. B'rabta mal-paragrafu 40 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill, ġew deskritti r-realtajiet u l-bżonnijiet speċifiċi ta' Stati Membri gżejjer u hemmhekk tlabt illi kull meta jkun hemm dawn it-tip ta' leġiżlazzjonijiet, jittieħed qies tar-realtajiet partikolari tagħna.

Il-messaġġ huwa ċar u se nara li jkun sostnut hekk kif qed nibdew proċess biex fix-xhur li ġejjin il-Kummissjoni tressaq 'il quddiem proposti biex nilħqu l-mira ta' tnaqqis ta' 90% tal-emissjonijiet sal-2040.

Filwaqt li rridu nżommu l-livell għoli ta' ambizzjoni li għandna, irridu daqstant ieħor naraw li nilħqu l-miri tagħna mingħajr ma nitfgħu piżijiet sproporzjonati fuq il-familji u n-negozji tagħna.

F'dan il-Kunsill Ewropew, kompliet ukoll id-diskussjoni dwar id-difiża u s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea. Sfortunatament qegħdin nibqgħu naraw episodju wara ieħor ta' aggressjoni mir-Russja fuq l-Ukrajna. Waqt li konna għaddejjin bit-taħditiet waqt il-Kunsill Ewropew, irċevejna rapport ta' airspace violation min-naħa Russa fit-territorju ta' wieħed minn sħabna, tal-Litwanja.

Sur President, din kienet opportunità biex il-President von der Leyen ippreżentat id-Defence Readiness Roadmap 2030 li l-Kummissjoni kienet għadha kemm varat ftit tal-jiem qabel il-laqgħa. Ilkoll naqblu li x-xenarju tas-sigurtà u l-mod kif isiru l-gwerer inbidel drastikament fl-Ewropa, bi gwerer wara biebna, attakki ibridi u ċibernetiċi, attakki fuq infrastrattura kritika, instrumentalizzazzjoni u elf ħaġa oħra. U lkoll naqblu li l-Unjoni Ewropea ma tista' tiddependi fuq ħadd għas-sigurtà tagħha.

Kif dejjem għidt, il-pożizzjoni tagħna hija magħrufa u ċara: pajjiżna jibqa' sod iħaddan il-prinċipju tan-newtralità attiva li joħroġ mill-Kostituzzjoni tagħna u jibqa' jimbotta għall-paċi. Naturalment, filwaqt li ma naqblux li kollox irid ikun imdawwar mal-industrija tal-armamenti qerrieda li sfortunatament qed ikomplu jiġġeneraw aktar konflitti minflok iġibu l-paċi, nifhmu t-tħassib ta' sħabna membri tal-Unjoni Ewropea li huma l-aktar viċin il-konflitt fl-Ukrajna u napprezzaw li hemm min għandu bżonn itella' n-nefqa fid-difiża tiegħu għal 5% tal-GDP. Dan biex nifhmu x'qed jiġri f'pajjiżi oħrajn. Però nemmnu li jrid ikollna a 360-degree approach li jaħdem fil-prattika, fejn anke aħna nkunu nistgħu nikkontribwixxu b'mod kostruttiv għall-aġenda tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li nibqgħu nżommu mal-parametri Kostituzzjonali tagħna tan-newtralità, li nibqgħu nimbottaw il-paċi u s-solidarjetà. Għaldaqstant inħares 'il quddiem

biex pajjiżna jkollu l-opportunità li jaħdem aktar fuq l-oqsma fejn nistgħu nagħtu l-ikbar valur miżjud, b'mod partikolari fil-koordinazzjoni ċivili-militari, is-sigurtà marittima, it-tħejjija għal kriżijiet, u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika fil-Mediterran – hemmhekk bħala pajjiż qegħdin naħdmu ħafna bħalissa - u fil-viċinat tan-Nofsinhar tal-Ewropa.

Sur President, ridt nagħmel referenza wkoll għad-diskussjoni li kellna dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani. Hemmhekk komplejt nenfasizza l-importanza tal-immobilizzar ta' riżorsi u għajnuna umanitarja, partikolarment f'Gaża. Bħalma pajjiżna ta sehmu fl-evakwazzjoni u fit-trattament mediku ta' pazjenti tfal minn Gaża, hemm bżonn sforz b'saħħtu kollettiv xprunat mill-empatija u gwidat minn prinċipju waħdieni, dak tas-soluzzjoni ta' żewġ stati. B'hekk biss dan ir-reġjun se jkun jista' jiżgura d-dinjità fil-Palestina – li aħna tant kburin li rrikonoxxejna l-istatehood tagħha - kif ukoll is-sigurtà fl-Iżrael. Irridu nibqgħu naħdmu mill-qrib mas-sħab tagħna bħalma huma l-Istati Uniti, il-Ġordan, l-Eġittu u l-Qatar, li qed juru sens qawwi ta' tmexxija u qed jagħmlu biċċa xogħol kbira biex jimmedjaw u jaraw li jkun implimentat il-Pjan Komprensiv maqbul.

Sur President, l-aħħar parti tad-diskussjonijiet tagħna kienet il-Euro Summit u l-Eurogroup fejn kellna l-opportunità li flimkien mal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew Christine Lagarde u l-President tal-Eurogroup Paschal Donohoe, niddiskutu l-isfidi għall-ekonomija Ewropea, il-koordinament ekonomiku u fiskali, u l-irwol kruċjali tal-Ewro għall-istabbiltà.

Hawnhekk il-prijorità tagħna tibqa' li bħala Unjoni Ewropea nsaħħu s-sostenibbiltà fiskali u li jkollna politika Ewropea ta' flessibbiltà u rispett lejn il-kompetenzi nazzjonali, filwaqt li nibqgħu nħarsu l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri.

Sur President, nagħlaq fuq din in-nota. Din hi l-akbar osservazzjoni li għamilt miegħi nnifsi waqt dawn it-taħditiet. F'dawn id-diskussjonijiet tibda tisma' lill-kollegi jitkellmu madwar l-istess mejda fuq l-istat li fih jinsabu l-ekonomiji tagħhom. Dawn jinsabu madwarna, fl-Ewropa stess. Dawn jitkellmu dwar awsterità, issikkar taċ-ċintorin, żidiet kbar fit-taxxi u tqaċċit kbir tal-investiment fil-benefiċċji soċjali. Dan qed jiġri madwarna, Sur President. Minn ftit mili fit-tramuntana ta' pajjiżna u tibqa' tiela' 'l fuq fl-Ewropa. Dan aktar jagħmilni kburi b'dak li rnexxielna niksbu f'pajjiżna, il-kuntrast qawwi ma' dak li qed jiġri f'pajjiżi oħra, li jkompli jikkonvinċini dwar l-importanza tal-kreazzjoni ta' aktar ġid; ġid li rajnieh  bl-aktar mod ħaj din il-ġimgħa fit-tħabbira tal-Baġit għas-sena li ġejja. Kemm għandna biex inkunu kburin bil-ġid li l-ekonomija tagħna qed tkompli tiġġenera! U mela nagħmlu minn kollox biex immorru, bir-rispett kollu, niftehmu mal-barranin biex nagħmlu ħsara lil pajjiżna fil-Parlament Ewropew ma' barranin li jkunu għatxana li jaħtfu l-patafjun xogħol u investiment li ġej f'pajjiżna u jeħduh lejn pajjiżhom?

Dan huwa l-ġid u l-interess nazzjonali li mmorru nippromwovu kull meta mmorru Brussell. Hemm ukoll il-fondi li nkomplu nġibu lejn pajjiżna anke issa bid-diskussjonijiet li nbdew għall-Multiannual Financial Framework għas-seba' snin li ġejjin. Infakkar li fl-aħħar negozjati ġibna l-akbar pakkett ta' fondi Ewropej li qatt ġibna għal pajjiżna u determinat li għas-seba' snin li ġejjin nerġgħu ninnegozjaw mill-ġdid l-akbar pakkett ta' fondi Ewropej li rridu nwasslu ħalli jibqgħu jiġu investiti f'pajjiżna.

Hija din il-ħidma siekta u l-ħafna sforzi kbar li jagħmel il-Gvern ta' kuljum, bis-saħħa tal-ħiliet kbar ukoll tan-nies fiċ-Ċivil, tal-esperti tagħna kollha, nies mimlija b'dedikazzjoni li ta' kuljum jitħabtu għal pajjiżhom, li qed iwasslu għal riżultati pożittivi konkreti.

B’hekk nassiguraw l-aqwa riżultati għal pajjiżna fl-Unjoni Ewropea!